# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 33



**L-Imħabba lejn Marija u d-devozjoni lejha huma sinjal ċert tal-kisba tas-salvazzjoni eterna.**
San Bernard

**O kemm żmien twil ilu d-dinja kienet tisfa meqruda, li kieku Marija ma daħlitx għaliha!**
San Fulġenzju

**Trid is-salvazzjoni ċerta? Mela ha jkollok devozjoni kbira lejn il-Verġni Marija… Hija tassiguralek is-salvazzjoni. Hija infallibilment issalva lil min jonoraha.**
San Sharbel Makhlouf

**Ejjew ninxteħtu f'riġlejn din l-Omm twajba, u waqt li ngħannquhom ma nitilqux qabel ma tberikna, u taċċettana bħala wliedha.**
San Bernard

**Piju IX, kellu l-itwal pontifikat fl-Istorja, ta' 33 sena. Fih sofra hafna – kellu jara l-Istati Papali jittieħdu minn idejn il-Knisja.**





**Fl-1854 Il-Beatu Piju IX, ippromulga d-Domma tal-Immakulata bil-Bulla Appostolika Ineffabilis Deus.**

**Imma bħal donnu l-Madonna ppremjatu għad-Domma tal-Immakulata hekk li kellu jara l-konferma tagħha mis-Sema permezz tad-dikjarazzjoni tal-Madonna nfisha f'Lourdes, meta nhar il-25 ta' Marzu,1858, Solennità tal-Inkarnazzjoni tal-Mulej, hija stqarret:**

## 'Jien jien l-Immakulata Kunċizjoni!'

**Il-Papa Piju XII kien tant jirreċita r-Rużarju bil-qima u b'devozjoni. Kien jippronunzja kull talba mingħajr ebda għaġla u b'espressjoni ta' imħabba kbira.**
**Dan kien jista' jkun apprezzat ukoll mill-eluf kbar li kienu jsegwuh waqt ix-xandiriet tar-Rużarju Mqaddes minn fuq ir-Radju tal-Vatikan.**

**Il-Papa Piju X. Qaddis, jingħad li meta kien ikun qed jirreċita r-Rużarju kien ikollu sbuħija tas-Sema fuq wiċċu u min kien jarah kien jimmaġina li l-Papa kien ikun qed jara tassew lil Marija nfisha.**